MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 615/2003

**Dr Joseph Mifsud u martu**
**Mikelina Mifsud**

**Vs**

**Eric Joe Calleja**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-ammont ta’ Lm387.92c (tlett mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu) rappresentanti danni f’incident tat-traffiku.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn sostna li l-incident ma garax tort tal-konvenut izda unikament bi htija ta’ Stefania Mifsud li kienet qed isuq il-vettura tal-atturi.

Il-konvenut qal bla pregudizzju li l-atturi ghandhom igibu l-provi tad-danni pretizi minnhom.

Stefania Mifsud xehdet li kienet qieghda ssuq il-vettura EAX 857 tiela mit-triq tac-cinema f'San Giljan fid-direzzjoni tas-Swieqi. Mifsud qalet li l-konvenut kien wieqaf fit-truck tieghu u kien hemm karozza ohra tiela l-fuq. Hi saqet wara din il-karozza. Il-karozza ta' quddiema waqfet u waqfet hi wkoll. Hi ma kienitx dritta ghaliex kien hemm karetta tal-haddiema tal-Gvern fuq il-lemin taghha. Il-konvenut beda jsuq fid-direzzjoni opposta u l-konvenut habat ma' wara fuq il-lemin tal-karozza tal-atturi. Mifsud qablet mal-iskizz.

Fil-kontro-ezami Mifsud qalet li fil-hin tal-incident hi kienet wieqfa.

Marlene Borg li kienet ma' Mifsud fil-karozza qalet li kkonfermat ix-xhieda ta' Stefania Mifsud u qalet li Mifsud kienet wieqfa fil-mument tal-habta.

Fir-Road Accident Report il-Pulizija kiteb il-versjonijiet tal-partijiet:

Mifsud qalet li "she was driving up Triq Sant Wistin when due to the other car came from the other direction. She stated that there was a wheel barrow and another parked car on her left side and so she could not pull to the side of the road. She further stated that her car was practically stationary but the other car kept driving down the road and collided with her rear right side."

Il-konvenut qal "he was driving down Triq Sant Wistin when he accidentally brushed against the other car that was coming from the opposite direction. Driver also mentioned the fact that his vehicle is left hand drive".

Meta xehed il-konvenut hu qal li kien qed isuq vettura tar-Ready Mix HAS 789. Waqt li kien niezel il-konvenut hareg Isuzu Trooper mill-parking tal-Eden. Hu waqaf u l-Isuzu bil-mod ghadda. Mill-parking harget Mifsud. Il-konvenut qal li daqq il-horn biex jinformaha biex tieqaf ghaliex kienu dige mwahhlin. Mifsud baqghet tiela. Kien hemm vettura li beda jdoqq il-horn warajh. Hu ried isuq. Il-konvenut qal li Mifsud l-ewwel gibdet il-gewwa imbaghad harget il-barra.

Il-konvenut hares mill-mera u kkalkola li seta’ jghaddi. Il-konvenut qal li kellu pied spazju biex jghaddi. Mifsud kienet wieqfa. Il-konvenut qal “jiena nghid li kelli pied u ma nistax nispjega ghaliex grat il-habta…nghid li fi split of a second l-pied spazju li kelli sparixxa”. Il-konvenut qal li jaqbel mal-iskizz.

Fil-kontro-ezami l-konvenut qal li hu waqaf meta l-Peugeot skontrat ruha. Sa dak il-hin ma kienx hemm incident.

Illi l-konvenut jghid li Mifsud kienet wieqfa, hu kellu truck warajh li kien qed idoqq il-horn. Il-konvenut kien ipprova jattira l-attenzjoni ta’ Mifsud li hi kellha tieqaf kif harget mill-parking izda Mifsud baqghet gejja. Il-konvenut li kien qed isuq truck left hand drive kkalkola li kien hemm xi pied spazju bejn il-truck tieghu u l-karozza ta’ Mifsud. Il-konvenut ha d-decisjoni li jsuq izda gara l-habta. Meta tkellem lil Pulizija ezatt wara l-incident il-konvenut qal li “he accidentally brushed against the other car”. Illi fic-cirkostanzi jirrisulta li l-konvenut li ddecieda li kellu spazju bizzejjed li jsuq ghamel kalkolu hazin. Illi ghalhekk ghandu jigi ddikjarat responsabbli ghall- incident. Illi kemm il-konvenut, kemm Mifsud u kemm il-passiegiera fil-karozza taghha qalu li Mifsud kienet wieqfa meta gara l-incident.

Illi gew esebiti l-ircevuti dwar il-hsarat u jidhru ragjonevoli.

Ghaldaqstant, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lil atturi l-ammont ta’ Lm387.92c (tlett mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu) bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-Avviz (29/03/03) u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------